MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 426/1992/1

**L-Accountant General**

**v.**

**Carmelo Penza bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Penza Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ April, 1992 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur ippremetta illi s-socjeta` konvenuta kienet aderiet ghall-kuntratt ma’ l-istanti konsistenti f’xoghol ta’ demolizzjoni u riabilitazzjoni ta’ blokk ta’ bini f’West Street/St. Lucia Street/Marsamxett Road, Valletta, ai termini ta’ ittra ta’ accettazzjoni datata 20 ta’ Gunju, 1988 li kopja taghha hija hawn annessa u markata “Dok. A”; illi s-socjeta` konvenuta abbandunat u naqset li tottempera ruhha ma’ l-obbligi naxxenti mill-kuntratt fuq imsemmi minghajr ebda raguni valida skond il-ligi; illi in segwitu ta’ dan l-agir abbuziv u illegali da parti tas-socjeta` konvenuta, l-istanti sofra danni meta huwa kellu jirrikorri ghand appaltatur iehor u dan ai termini ta’ l-artikolu 23 tal-“General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta” hawn anness u mmarkat “Dok. B”; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-
1. tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta abbandunat u naqset li tottempera ruhha ma’ l-obbligi naxxenti mill-kuntratt fuq imsemmi;
2. tikkundannah ihallas is-somma ta’ hamest elef mija u dsatax-il lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (LM5119.95) dovuta bhala penali konsegwenza ta’ l-istess abbandun u nuqqas;
3. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta nomine responsabbli ghand-danni rizultanti;
4. tillikwida, okkorrendo bl-ghajnuna ta’ perit nominand, s-somma dovuta mill-konvenut nomine in linea ta’ danni sofferti mill-istanti kif fuq indikat; u
5. tikkundannah ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, bl-imghax legali sa l-effettiv pagament.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata l-1 ta’ Gunju, 1990, kontra l-konvenut nomine li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-4 ta’ Mejju, 1992 il-konvenut eccepixxa:-
1) Illi s-socjeta` eccipjenti qatt ma giet formalment ordnata mill-attur sabiex tibda x-xoghol, ai termini ta’ l-Artikolu 15 tal-“General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta”. F’dawn ic-cirkostanzi, u fid-dawl tat-tifsira moghtija lill-“abbandun tax-xoghol” skond l-Artikolu 24 tal-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt, l-istess

socjeta` eccipjenti ma ghandhiex tigi dikjarata illi abbandunat il-kuntratt in kwistjoni;
2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmija kundizzjonijiet tal-kuntratt ma jikkontemplawx il-kundanna u hlas tal-penali pretiza mill-attur fic-citazzjoni odjerna, f'kaz illi jigi ppruvat l-allegat abbandun tal-kuntratt u/jew nuqqas ta' osservanza tal-obbligi naxxenti mill-kuntratt 'de quo';
3) Illi, subordinatament, izda minghajr pregudizzju ghal fuq premess, is-socjeta` eccipjenti kellha ragunijiet validi fil-ligi sabiex titlob kundizzjonijiet specifici u rigwardanti l-protezzjoni ta' hajjet xi persuni, liema kundizzjonijiet izda ma gewx rispettati mill-attur, b'konsegwenza illi s-socjeta` konvenuta irrifjutat illi tqieghed il-hajja ta' dawn il-persuni f'periklu u riskju serju, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4) Illi, ghar-ragunijiet premessi, l-ewwel zewg talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjes kontra l-attur;
5) Illi, b'riferenza ghall-ahhar tlett talbiet attrici, l-imsemmija "General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta" ma jikkontemplawx ir-responsabbilita` tal-kuntrattur ghad-danni fl-eventwalita` ta' abbandun tal-kuntratt. L-Artikolu 23, citat fic-citazzjoni attrici, jipprovdi dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt, mhux applikabbli fil-kaz odjern;
6) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu illi l-attur sofra d-danni allegati minnu, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
7) Illi, ghalhekk, ukoll l-ahhar tlett talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjes kontra l-attur.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-28 ta' Marzu, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi bl-akkoljiment ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes a kariku ta' l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"F'din l-istanza l-attur jakkuza lis-socjeta` konvenuta illi din baqghet inadempjenti billi abbandunat l-appalt lilha kommissjonat u naqset li tezegwixxi l-obbligazzjonijiet

taghha ta' xogholijiet ta' demolizzjoni u rijabilitazzjoni ta' blokk ta' bini f'West Street kantuniera ma' toroq ohra fil-Belt;

"L-attur jibbaza dan l-assunt tieghu u konsegwenti talba tieghu ghad-danni u penali fuq il-kontenut ta' zewg dokumenti principali, jigifieri, l-Ittra ta' Accettazzjoni datata 20 ta' Gunju 1988 (fol. 5) u l-"General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta" (fol. 7);

"Minn dak rakkontat mix-xhud Adrian Portelli, Administrative Assistant fid-Dipartiment tat-Tezor, (fol. 60) jirrizulta illi:-
I. Fil-5 ta' Marzu 1988 saret sejha ghat-tenders ghax-xogholijiet surriferiti skond avviz 233/88;
II. Is-socjeta` konvenuta kienet wahda mit-tenderers li applikat ghall-ghoti tal-kuntratt fl-4 ta' April 1988
III. Il-5 ta' April 1988 kienet id-data tal-gheluq ta' l-offerti;
IV. Fis-17 ta' Mejju 1988 is-socjeta` konvenuta giet invitata mill-Kumitat tal-Kuntratti ghad-diskussjoni fuq it-tender. Din anke ghaliex l-offerta taghha kienet l-aktar baxxa;
V. Fl-20 ta' Gunju 1988 inhareg il-Letter of Acceptance;

"Kif jirrizulta minn dan l-ahhar imsemmi dokument (fol. 5) ix-xogholijiet kellhom jigu ezegwiti fi zmien massimu ta' sitta u ghoxrin (26) gimgha "*from the date of order to start works*" . Fih jinghad ukoll illi kellu jinghata avviz lis-socjeta` konvenuta tal-gurnata "*for the signing of the relative deed*".

"Fl-istess ittra ta' accettazzjoni nsibu espress illi s-socjeta` konvenuta kellha tipprovdi garanzija bankarja fi zmien sebat (7) ijiem, u jekk dan ma jsirx il-kuntratt seta' jitqies bhala abbandunat u s-socjeta` konvenuta suggetta ghal penalitajiet;

"Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Emmanuel Grech vs Giuseppe Borg e Pietro Contini nomine**" Appell

Kummercjali, 16 ta’ Jannar, 1931, “*l’offerta, perche` possa essere impegnativa appena vi sia la relativa accettazione, deve essere precisa e determinante e cosi dimostrativa dell’intenzione dell’offerente di ritenersi vincolato da qualsiasi valida accettazione.”* ;

“Ma hemmx dubju illi l-offerta tas-socjeta` konvenuta kienet wahda esprimenti l-volonta taghha illi, jekk accettata, hi timpenja ruhha li tezegwixxi l-appalt u dan fit-termini u pattijiet ohra cirkoskritti fil-“Conditions of Contract” (fol. 113). Din l-istess offerta issoktat tigi sostenuta mis-socjeta` konvenuta bl-iffirmar da parte taghha tad-dokument AP3 (fol. 166) datat 17 ta’ Mejju 1988 li permezz tieghu Carmel Penza iddikjara li kien konsapevoli tan-natura tax-xogholijiet dettaljati fil-Bill of Quantities;

“Fost it-termini stabbiliti fil-“Conditions of Contract”, ghal dak li huwa valevoli ghal kaz in ezami, insibu klawsola 5.09. Din tistipula illi “*the contractor shall inspect and examine the site and its surroundings and shall satisfy himself (as far as is practicable) before submitting his tender as to the form and nature of the site, the quantities and nature of the work and materials necessary for the completion of the work and the means of access to the site, the accomodation he may require and in general shall himself obtain all necessary information as to the risks, contingencies and other circumstances which may influence or effect his Tender.”*;

“Minn din il-klawsola wiehed ragjonevolment jiddezumi illi s-socjeta` konvenuta kienet diligentement esplorat is-sit fejn kellhom isiru x-xogholijiet u li kellha ghalhekk xjenza shiha tal-kontingenzi kollha. Dan, ghalanqas, sal-mument li ffirmat il-precitata dikjarazzjoni (Dok. AP3). Minn imkien ma jirrizulta illi fl-istadju li kienet qed issir id-diskussjoni fuq it-tender fis-17 ta’ Mejju 1988 is-socjeta` konvenuta ghamlet xi rizerva fuq il-punt tal-perikolozita tax-xogholijiet jew tal-biza’ ghall-inkolumita tal-haddiema jew tat-terzi, kif hekk hasset li ghandha taghmel aktar tard, izda wara l-ittra ta’ accettazzjoni. Ara ittra taghha datata 22 ta’ Gunju 1988 (fol. 101);

"Huwa indiskuss illi l-accettazzjoni gabet maghha u in forza taghha il-vinkolu kontrattwali u ikkrejat il-ftehim fuq l-elementi kollha tieghu, kemm dawk principali kif ukoll dawk sekondarji jew accessorji. Dan ma jistax jitqies ftehim jew akkordju b'funzjoni preparatorja izda wiehed finali, ghalkemm suggett ghal certi kundizzjonijiet, aktar 'il quddiem trattati. Ghax jekk l-offerta kienet biss l-istadju inizzjattiv versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, l-accettazzjoni ghandha b'necessita` titqies bhala adezjoni ghall-kontenut ta' l-offerta. Konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu in-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti il-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta ta' l-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim;

"Minn dan s'issa ezaminat din il-Qorti hi tal-fehma li fuq il-bazi tal-konsiderazzjonijiet appena zvolti l-offerta u l-accettazzjoni kienu jirrivestu l-kuntratt bejn il-partijiet. F'dan is-sens din il-konkluzjoni hawn raggunta hi pacifika bejn il-kontendenti;

"Id-divergenza bejniethom tidher li tirrivolvi dwar l-interpretazzjoni li kull wiehed minnhom jaghti lill-klawsola hmistax (15) tal-General Conditions (fol. 7). Liema klawsola taqra hekk:-

"*The contract time for delivery shall be the period or periods named in the letter of Acceptance of tender and shall be reckoned from the date of receipt of the said letter* <u>*or*</u> *from the date of the order to start work whichever may be applicable.*"

"It-tifsira ta' l-attur fir-rigward ta' din il-kalwsola hi dik li l-kuntratt gja beda jsehh mid-data tal-hrug tal-Letter of Acceptance. Is-socjeta` konvenuta, bir-ragun, ma tikkonkordax ma' dan l-argoment u invece ssostni illi gjaladarba l-Letter of Acceptance eleggiet l-alternattiva illi l-"contract time" jibda jiddekorri mid-data li fiha kellha tinghata l-ordni lis-socjeta` konvenuta biex tibda l-

ezekuzzjoni tax-xogholijiet, allura l-kuntratt, ossija l-ezekuzzjoni tieghu, ma kienx ghadu dahal fis-sehh;

“Ghas-socjeta` konvenuta din kienet kundizzjoni *sine qua non* eletta *marte proprio* u specifikament mill-attur. *Ergo*, l-attur kellu jsegwi dan il-kors hekk maghzul minnu u kellu juzufruwixxi ruhu minnu skond kif precizat fil-proviso tal-precitata klawsola hmistax (15), jigifieri bil-miktub fi zmien sitt (6) gimghat mid-data tal-Letter of Acceptance;

“Il-klawsola 15 precitata kellha tinqara unitament mal-kliem tal-Letter of Accpetance u tircievi sostenn minn dan l-istess dokument, li strettament minnu tiddipendi s-soluzzjoni tal-kwestjoni *de quo agitur*;

“Minn imkien mill-atti ma tirrizulta l-prova tal-“order to start works” kif hekk testwalment tipprovdi l-Letter of Accpetance. Anzi ghall-kuntrarju mid-deposizzjoni tal-Perit Emanuel Galea (fol. 75), li kien l-Arkitett responsabbli mill-progett, jinsab konfessat illi ordni simili mhux semplicement ma hargetx fiz-zmien utili izda addirittura ma harget xejn (fol. 76);

“Ir-rizultat logiku hu dak li ghalkemm kellek kuntratt validu f’kull rispett, eppure l-esekuzzjoni tieghu kien kondizzjonat ghas-sejha ta’ l-attur u dipendenti biss mill-volonta` tieghu, fit-termini minnu eletti. Volonta` din li ma giet bl-ebda mod espressa;

“Hi ligi (Artikolu 1058, Kodici Civili), amplifikata, imbaghad, mill-gurisprudenza, illi “*quando il caso e` retto da una convenzione, che e` la legge dei contraenti ….. e la condizione nel termine quivi stabilito non pote` ragionevolment dirsi verificata, o, in altro termini quando la convenzione stabilisca un termine per la sua esecuzione ed alla scadenza di quel termine l’altra parte ha un giusto motivo per resilire dai suoi impegni, e dopo resilimento non puo` l-altra parte obbligare l’altro contraente ad eseguire il contratto, dovendosi in tal caso applicare il disposto dell’articolo 764 della Ordinanza Nro. VII del 1860 (*illum Artikolu 1058 tal-Kapitolu 16) *secondo il quale, quando una obbligazione e` contratta sotto la*

*condizione che un avvenimento succede in un certo tempo, tale condizione si ritiene mancata, se spira il tempo, senza che l'avvenimento sia succeduto, e lo stesso principio si trova professato da questa Corte, in re **"Portelli vs Tabone"** deciza il 28 Marzo 1924. –* "**Pietro Vassallo vs Nobile Biagio Testaferrata",** Appell Civili, 13 ta' Mejju 1927*;*

"Gjaladarba l-attur naqas hu stess li jottempera ruhu ma' l-impenn minnu assunt ma jistax imbaghad, una volta skada t-terminu li fih kellu jitrasmetti l-ordni tieghu, jippretendi li s-socjeta` konvenuta naqset li tadempixxi ruhha ma l-impenn taghha u li ghaldaqstant ghandha titqies in kolpa minhabba "abbandun" tax-xoghol (Klawsola 24 tal-"General Conditions") bil-konsegwenti assoggettar ghad-danni;

"Hemm, imbaghad, aspett iehor li jimmerita attenzjoni. Il-Letter of Acceptance tirriferi *in coda* ghall-iffirmar tal-ftehim relattiv. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-attur ried jaghti forma permezz ta' att appozitu lill-vinkolu kontrattwali. Ragjonevolment dan ghandu jfisser illi l-attur ried jassoggetta il-validita` tal-ftehim ghal dik il-forma, u jekk dan ma jirrizultax jew l-ebda prova ma tressqet dwaru, ma jistax jinghad illi l-ftehim hu perfett;

"Jista' forsi jigi objettat mill-attur illi dan l-att ma sarx ghaliex is-socjeta` konvenuta esprimiet il-fehma illi fic-cirkostanzi prevalenti, ma kienetx ser taghti ezekuzzjoni ghax-xogholijiet. Tali posizzjoni ma tistax pero` tigi accettata in kwantu jekk fit-22 ta' Lulju 1988 (fol. 184), it-Tezor kien informa lis-socjeta` konvenuta li ma kienx lest jehlisha mill-obbligi taghha, kellha z-zmien kollu li tipprocedi u tinsisti ghall-pubblikazzjoni ta' l-att mehtieg qabel ma iddecidiet bosta xhur wara, u precizament fil-31 ta' Jannar 1989 (fol. 187) illi tqis li s-socjeta` konvenuta kienet abbandunat il-kuntratt. Lanqas dwar dan ma ngiebet xi prova ta' sejha ghall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-forma mahsuba;

"Fl-opinjoni tal-Qorti l-fattezzi u cirkostanzi kontemplai f'dan il-kaz huma bizzejjed biex jinducu lill-Qorti ma

taccettax illi s-socjeta` konvenuta ghandha titqies in kolpa *per omissione* ghall-ezekuzzjoni ta' l-appalt in diskussjoni;

"Naturalment hemm diversi punti ta' interess in materja tad-danni pretizi mill-attur, izda kull kumment fir-rigward ikun biss ezercizzju akkademiku gjaladarba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni fuq affermata;"

**L-Appell tal-Accountant General**

L-Accountant General hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors intavolat fil-15 ta' April, 2003 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellata, taghzel li jew tilqa' t-talbiet tieghu u hekk tikkonkludi l-kawza jew li tirrimetti l-kawza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex dina tigi deciza skond il-ligi, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Is-socjeta` konvenuta appellata ipprezentat risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn talbet li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**L-aggravji tal-appellant.**

L-attur appellant ressaq erba' aggravji kontra s-sentenza appellata li in sostanza huma:-

a) Illi s-sentenza appellata hija bazata fuq interpretazzjoni hazina tal-fatti.

b) Illi s-sentenza appellata in kwantu bazata fuq l-assenza ta' "order to start works" hija bazata fuq konsiderazzjoni irrilevanti.

c) Illi l-konkluzjoni tas-sentenza appellata illi akkoljiet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta giebet bhala konsegwenza l-ippremjar ta' l-agir kontradittorju u anke possibilment malafedesk tas-socjeta` konvenuta.

d) Illi in kwanti bazata, jekk bazata, fuq xi allegat nuqqas ta' konkluzzjoni tal-kuntratt minhabba xi nuqqas ta' forma, is-sentenza appellata hija skorretta.

**Ikkunsidrat:**

Ghalkemm l-aggravji huma erbgha, (hlief ghar-raba' aggravju li, fil-verita` jikkoncerna kumment li ghamlet l-ewwel qorti dwar il-forma tal-kuntratt), wiehed jista` jikkonsidra l-ewwel tlett aggravji flimkien billi dawn jikkoncernaw direttament l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti tal-kawza ma humiex in kontestazzjoni. Jirrizulta ampjament li r-relazzjoni guridika li kienet inholqot bejn il-kontendenti in konnessjoni mal-kuntratt ta' xoghol ta' demolizzjoni ta' xi kostruzzjonijiet fil-Belt, Valletta kienet effett tal- "Letter of Acceptance" tat-tender sottomess mill-istess socjeta`, liema "Letter of Accpetance" flimkien mal-[*General Conditons of Contract for the execution of works in Malta*], inharget fl-20 ta' Gunju, 1988. Huwa ukoll stabbilit li x-xogholijiet in kwistjoni qatt ma gew ezegwiti mis-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet li jirrizultaw fil-process. Bhala konsegwenza ta' din l-allegata inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta l-attur istitwixxa dawn il-proceduri fejn qed jitlob li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta <u>abbandunat</u> u *naqqset li tottempera ruhha ma' l-obbligi nascenti mill-kuntratt imsemmi* u li konsegwentement tigi kundannata thallas *penali* rizultanti mill-kuntratt u *danni* rizultanti mill-fatt li, bhala konsegwenza tal-istess abbandun, l-attur kellu jirrikorri ghall-appaltatur iehor, naturalment bi prezz oghla.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza ticcentra fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, liema eccezzjoni effettivament giet akkolta in prim istanza, fejn qed jigi sottomess li gialadarba s-socjeta` konvenuta qatt ma giet formalment ordnata mill-attur sabiex tibda x-xoghol ai termini tal-Artikolu 15 tal-*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta* ma tistax tigi kunsidrata bhala li abbandunat ix-xoghol skond l-Artikolu 24 tal-istess kundizzjonijiet.

Illi in segwitu ghall-"Letter of Acceptance" jirrizulta li ghaddiet xi korrispondenza bejn il-kontendenti dwar

problemi li kienu irrizultaw fil-kuntest ta’ l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet in kwistjoni u l-attur, in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li kien hemm abbandun tax-xoghol minn naha tas-socjeta` konvenuta, jaghmel referenza ghall-ittra tal-istess socjeta` datata 22 ta’ Gunju, 1988 (fol 101) fejn, wara li Penza Construction esponiet il-problemi li rriskontrat fl-ingagg ta’ haddiema in konnessjoni ma’ l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kompliet hekk: “*We thus regret to inform you that, in the light of the above, we cannot carry out works on the tender under reference as intended.*”

L-attur appellant qed jissottometti illi “*l-kliem ta’ l-ittra tas-socjeta` konvenuta tat-22 ta’ Gunju 1988 ma jistax hlief jigi interpretat bhala abbandun car tal-kuntratt*” u li konsegwentement l-“*order to start works*” kien ghal kollox irrilevanti ghal kwistjoni tal-penali u danni reklamati.

L-Artkolu 24 tal-[*General Conditions of Contract for the execution of works in Malta*], liema *General Conditions* jifformaw parti integrali mill-kuntratt moghti lis-socjeta` konvenuta, jikkontempla l-eventwalita` ta’ “abbandun” tax-xogholijiet f’liema kaz l-appaltatur “will forfeit the Bond (Bank guarantee)” jew f’kaz li tkun giet iskritta ipoteka dan jkun responsabbli ghal kwart mill-valur tal-kuntratt. Izda l-istess artikolu jikompli biex jiddefinixxi abbandun billi jinghad “*”The work may be considered to have been abandoned if the Contractor fails <u>to commence it within three working days</u> from the date of the acceptance of tender or <u>from the order to start work</u>* ……”

Il-Klawsola 15 tal-General Conditions tikkontempla il-possibilita li x-xoghol mertu tat-tender jigi ezegwit fit-terminu kontemplat fil-Letter of Acceptance u liema terminu jibda jghaddi jew mid-data ta’ l-ittra ta’ accettazzjoni jew mid-data li jinghata l-*order to start works.* Issa jirrizulta li l-Letter of Acceptance tat-22 ta’ Gunju 1988 tistipula espressament li x-xoghol in kwistjoni kellu jigi ezegwit “*within a maximum period of 26 cumultaive weeks <u>from the date of order to start works</u>*”. Jidher ghalhekk li l-attur appellant, permezz tal-Letter of Acceptance impona fuqu nnifsu l-obbligu li jaghti ordni “*to start works*”.  Ghalhekk kemm-il darba ma tkunx inghatat

dik l-ordni "*to start works*" meta tali ordni jkun applikabbli (ara klawzola 15 tal-"General Conditions"), kif sewwa issottomettiet is-socjeta` konvenuta u kif irriteniet l-ewwel Qorti qatt ma jista', skond il-klawsola 24 tal-"General Conditions", jinghad li kien hemm abbandun tax-xoghol kif qed jigi sottomess fic-citazzjoni attrici u liema abbandun huwa l-bazi tal-istess talbiet hemm kontenuti.

Jirrizulta mhux kontestat da parti tal-attur appellant, li s-socjeta` konvenuta qatt ma nghatat "order to start works" u dan minkejja li fir-risposta ta' l-attur tat-22 ta' Lulju, 1988 jinghad hekk "*With reference to your letter dated 22nd June, 1988, I have to inform you that your case has been carefully considered in the light of your submissions, but it is regretted that your request to be released from the obligations under this contract cannot be acceded to."* Minn dan jidher li, minkejja l-oggezzjonijiet ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol sollevati mis-socjeta` konvenuta, l-attur appellant kien ghadu qed jinsisti fuq l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ezegwit bejniethom. B'dana kollu l-istess attur appellant naqas milli johrog l-ordni biex jinbdew ix-xogholijiet kif kien obbligat bil-Letter of Acceptance li kien hareg huwa stess. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta qatt ma setghet tigi kunsidrata li abbandunat ix-xoghol, billi l-obbligi kuntrattwali ghandhom jigu osservati miz-zewg partijiet u, mhux kif donnu qed jirritjeni l-attur appellant, li l-obbligu impost fuqu stess ma ghandu ebda relevanza ghad-dibattitu odjern. Ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-hsieb u d-decizjoni ta' l-ewwel qorti billi tirriteni li fl-assenza ta' l-"Order to start works" it-talbiet attrici qatt ma jistghu jirnexxu.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda gustifikazzjoni fis-sottomissjoni tal-attur appellant kontenuta fit-tielet aggravju minnu mressaq billi ma tara ebda mala fede fl-agir tas-socjeta` konvenuta in kwantu din qeghdha, kif kellha u ghandha kull dritt, tistrieh fuq l-obbligi kuntrattwali naxxenti mir-relazzjoni guridika ta' bejn il-kontendenti – kull nuqqas tal-attur appellant ma ghandux jirrifletti b'mod negattiv fuq is-socjeta` konvenuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-Accountant General qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------